**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 1 ta' Lulju 2021**

Rikors Numru: 76/21 AL

Ab

vs

cb

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-partijiet iżżewġu fl-erba' (4) t' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003), ġewwa Wroclaw, il-Polonja, skont ma jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ relattiv illi qed jiġi anness, esebit u mmarkat bħala Dok 'A'.

2. Illi minn dan iż-żwieġ il-partijiet għandhom żewġt itfal, illi twieldu fil-ħamsa w għoxrin (25) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tnejn (2002) u fl-għaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħamsa (2005) rispettivament.

3. Illi l-partijiet ilhom legalment separati sa' mis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) u dan skont ma jirriżulta

mill-kuntratt ta' separazzjoni relattiv fl-atti tan-Nutar Clinton Bellizzi, li kopja legali tiegħu qed tiġi annessa, esebita u mmarkata bħala "Dok. B".

4. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet stante illi, oltre li huma legalment separati, l-partijiet ilhom separati de facto għal dawn l-aħħar erba' (4) snin, senjatament sa' mill-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) u jgħixu ħajja totalment separata minn xulxin, kif jirriżulta minn klawsola (iv) tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni.

5. Illi in oltre ma hemm l-ebda kwistjoni bejn il-partijiet rigward il-ħlas ta' manteniment stante illi ai termini tal-klawsola ħamsa (5) tal-imsemmi kuntratt il-partijiet irrinunzjaw għad-dritt tagħhom illi jitolbu manteniment mingħand xulxin.

6. Illi għal dak illi jirrigwarda ulied il-partijiet ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment, u dan qiegħed jiġi mħallas regolarment ai termini tal-klawsola numru sebgħa (7) tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni għal-bint il-partijiet Julia, li tirrisjedi mal-intimata u qiegħed f'edukazzjoni fuq bażi full-time, b'dan illi l-minuri Jonathan jirrisjedi mal-esponenti.

7. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ottjeniment tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodiċi Ċivili, Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien mħolli għal daqshekk mill-istess Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

U dan taħt dawk il-provvedimenti kollha li dina l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuna.

Rat id-dokumenti  li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-10 ta' Marzu 2021;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla, wiegeb fuq domanda tal-Qorti li m'ghandha l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Ottubru, 2017;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti takkorcja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.